

# ALPHONSE MARIE RATISBONNE

Għal ħabta tas-sena 1840 kien hemm fi Strassbourg, fil-Ġermanja wieħed żagħżugħ Lhudi iben ta' bankier. Kien sabîħ, għani, u mħarreġ



*Ġerusalem — Ħerba tal-biċċa art fuq il-Lithostrotos li xtara Père Alphonse Ratisbonne fl-*1858, *li wara fuqha bena l-knisja. Dak li jidher huwa l-fdal ta' wieħed mill-bibien ta'* Aelia Capitolina, *l-isem li l-Imperatur Adrijanu tagħa lil Ġerusalem meta bnieha mill-ġdid wara t-tixwixa ta' Bar-Kokba fis-sena Wara Kristu* 133.

tajjeb fl-iskôla, u kien jobgħod lill-Insâra, bħal biċċa l-kbîra tal-Lhud l-oħra. Ismu kien Alphonse Ratisbonne. Kien għarûs, imma qabel jibda d-dinja, jiġifieri jieħu xogħol u jiżżewweġ, ried idûr dawra mal-Ewrôpa. U kif kien idûr, fettillu wkoll jasal sa Malta; imma ġratlu ħaġa li ħtija tagħha l-ħsieb tiegħu ma seħħx.

Il-ġifen li kien fuqu, jismu "Mongibello", kif kien għaddej minn Nâpli, ġrâtlu xi ħaġa tal-ħsara u kellu jieqaf hemm għal ftît żmien. Biex ma joqgħodx fuq il-ġifen, sa kemm ikun jista' jitlaq, iż-żagħżugħ Ldûdi niżel l-art u qagħad idûr u jitlajja. Kien fil-għodu, u kif kien għaddej minn trîq, lemaħ knisja li kellha l-bieb miftûħ. Ħares ġewwa, u râ li fuq l-artal kien hemm qassîs iqaddes. Daħal u qagħad jaħseb kemm il-knejjes tal-Insâra jixbħu lis-Sinagôgi tal-Lhud; u b'dal-ħsieb f'moħħu, u biex in-nies ma jintebħûx li ma kienx Nisrâni, qagħad għar-rkubtejh, bħan-nies l-oħra, u beda jitlob 'l Alla. Meta l-quddiesa ħelset u n-nies ħarġu, u hu ħareġ ukoll, baqa' mistagħġeb kemm ħass ruħu ferħan u moħħu mistrieħ, u kif tarlu f'daqqa s-swied ta' qalb li kellu qabel. Għad li qabel ma siefer kien wiegħed lill-għarustu li jiġri x'jiġri ma kellux imur Rûma, għax, kif

qalilha, fin-nħawi ta' Ruma kien hemm l-ilma qiegħed, fejn jitrabba n-nemûs li jġib il-malarja, issa ħass xewqa kbîra li jmûr sa Rûma. Għalhekk saqsa fejn ikunu l-karozzi għal Ruma (biż-żwiemel biss, dik il-ħabta), u telaq dak il-ħin.

F'Ruma kien hemm wieħed Taljân il-Barûni de Bussière, li kien ħabîb ħafna ta' Ratisbonne; għalhekk Alphonse mar għandu biex idawwru ftît mal-belt. Il-Barûni laqgħu bil-qalb u huma u jitħaddtu tâh domna tal-Madonna, li Ratisbonne ħadha, biex ma jiksirx lil dak il-ħabîb.

Alphonse kellu ħûħ akbar minnu li kien qaleb Nisrâni, u wkoll sar qassîs u wara dan iż-żagħżugħ sar aktar jobgħod lill-Insâra għad li ma kienx jurihom, billi fosthom kellu ħafna ħbieb. Dawna kienu tawh santa bit-talba ta' San Bennard: "Memorare O Piissima Virgo...", li biex jeħles minnhom kien tgħallimha bl-amment. U kif qâl hu n-nifsu, wara żmien, il-kliem ta' dik it-talba kien wisq drabi jiġi f'moħħu, u l-aktar dik inhar li kien Rûma, bħal meta wieħed jitgħallem xi għanja ġdîda. Dak il-lejl raqad fil-lukanda, u kif kien rieqed ħolom li għiejed jara triq twîla-twîla, li fit-tarf tagħha kien hemm tumbâta li fuqha kellha salîb iswed, u fuqu raġel mislub u fil-għodu kif qâm, isib li l-id tal-qroll li kienet tagħtu l-għarûsa, tifkira u biex iġġiblu r-riżq, qabel ma siefer, kienet imfarrka, farkiet-farkiet.

Għal ħabta ta nofs inhar, iż-żagħżugħ, mar f'ħanût kbîr jgħidulu *Cafe del Greco* qrib mill-misraħ imsemmi *Piazza di Spagna*, biex jaqra l-gazzetti u joqgħod ftit hemm jitħaddet man-nies. Kif kien ħiereġ minn hemm, jara lil Barûni de Bussière, ħabîbu, li saqsieħ jekk riedx



*Ġerusalem — Il-knisja tas-Sorijiet ta-Madonna ta' Sijon li waqqaf Père Ratisbonne. Il-ħnejja li tidher fil-knisja li taħtha hemm l-artal u fuqha statwa ta' Kristu, hija l-ħnejja ż-żgħira li tidher fir-ritratt ta' qabel.*

jirkeb fil-karozza tiegħu u jwasslu hu sal-lukanda. Dak tala'; u kif kienu sejrin, il-Barûni waqqaf il-karozza u talbu jistenna kemm-kemm sa kemm hu jidħol il-knisja ta' *sant'Andrea delle Fratte*, halli jkellem lill-kappillân fuq id-difna ta' wieħed ħabîb tiegħu, li Ratisbonne kien jafu, li kien għadu kif miet. Alphonse ma riedx joqgħod jistenna fil-karozza, għalhekk qal lil Barûni li kien sa jidħol il-knisja hu ukoll, jara hemmx xi ħaġa tal-arti li togħġbu u jgħaddi hekk ftit taż-żmien.

Dak inhar kien il-20 ta' Jannar, 1842, għal ħabta tas-siegħa ta' wara nofs inhar.

Kif kien idûr u jħares lejn l-inkwatri u jifli b'għajnejh l-iskultura, malħitân, intebaħ li fil-ġenb tat-Tubru tal-Mejtin li kien hemm f'nofs il-knisja, kien hemm kappella li minnha ħiereġ ħafna dawl; u dak il-ħin ra wkoll kelb iswed, kbîr, hemm ġewwa l-knisja, jdûr ma' dwaru. Ma bażax għal daqshekk, u baqa' sejjer lejn il-kappella ħalli jara dak id-dawl x'kien. Kif resaq, jara fuq l-artal, wieqfa, quddiemha. Il-Madonna ma kellmitux, imma bil-għeliemiet li għamlitlu b'idha, fehmitu li dnubietu kienu maħfura, u li l-Iben tagħha kien laqgħu fis-Xirka tiegħu, tan-Nisranîn. Quddiem dik x-Xebba Qaddisa, ħass li għaraf il-frugħa tad-dinja u l-kruha tad-dnub u l-ġmiel tal-ħajja tajba Nisranija.

Kif ġie l-Barûni, sabu għadu għarrkubtejh b'wiċċu fuq idejh, fuq il-balavostri tar-rħâm ta' quddiem l-artâl. Kien għiejed jolfoq qawwi, u kif rafa' għajnejh kienu kollha



*Ġerusalem — Biċċa art tal-Lithostrotos miksija bil-ħaġar kbir, dak in-nifsu li kien hemm fi żmien Kristu. Dan l-imkien jinsab taħt il-knisja tas-Sorijiet ta' Sijon, li tidher fir-ritratt ta' fuq*

lil Madonna, mbissma, b'dik il-għamla kif kienet tidher fid-dômna li kien tah il-Barûni, u li d-dawl kbir kien ħiereġ minnha. Għamlitlu għeliema b'idha biex jersaq lejha, u mwerwer kif kien, mar, bla ma jaf kif. Malli wasal, il-Madonna għamlitlu għeliema mill-ġdid biex joqgħod għarrkubtejh dmugħ. Saqsieh x'kien ġralu, imma bil-lfîq ma satax ikellmu. Il-Barûni. ħarġu barra, rikkbu l-karozza u sâq bih lejn il-lukanda. Kif sata' jkellmu għarrfu x'kien ra fil-knisja, u talbu biex malajr imur iġiblu qassis, għax ma riedx joqgħod aktar bla ma jitgħammed. Il-Barûni mar u ġieblu

Patri Ġeżwita, Patri Willefort, li qagħad jitħaddet miegħu u Alphonse fada miegħu, fost ħwejjeġ oħra, li hu kien iħoss li wara li jsîr Nisrâni kellu jgħaddi minn ħafna taħbît, biex iħallas tal-kotra ta' dnubiet li kien għamel f'ħajtu l-imgħoddija.

Bdew iħejjuh għal magħmudija u jgħallmuh it-Tagħlim Nisrâni. Il-Patri li kien jgħallmu mill-ewwel intebah li Alphonse kien mogħti għotja Papa u jkellmu, li dak iż-żmien kien Girgôr XVI. Wara ż-żjara lil Papa, qal Alphonse lil ħbiebu: "Jien, minn għalija kont sejjer inkellem sultân; imma sibt lil -Papa meta kien ikellem lili, ma kienx ħlief missier ħanîn, ikellem lil ibnu!"

Alphonse, wara li sâr Nisrâni, l-ewwel u l-aqwa ħsieb li kellu kien li jagħti lilu n-nifsu 'l Alla, kollu kemm hu, għalhekk daħal mal-



*Ġerusalem — Il-bini tal-lemin hu d-Dejr tal-Franġiskani, u tax-xellug il-kampnar tagħhom, mibnijin fuq il-fdal tal-Fortizza "Antonia". It-tliet koppli l-bojod huma tal-kappella tal-Franġiskani, li fiha ċ-ċangâr tal-tal-Lithostrotos. Il-koppla s-sewda hi tal-knisja tas-Sorijiet ta' Ratisbonne.*

barranija minn Alla, għax kull ma kien jgħidlu kien jitgħallmu, u jifhmu malajr, u ma jinsieħ aktar, għalhekk ma kienx hemm għal fejn li jtennilhulu. Wara ġimgħa biss ta' tagħlîm kien imħejji sewwa għas-Sagramenti, u kien mgħammed, mogħti l-Griżma u mqarben f'jum wieħed. Ftit wara dan, ħaduh jara lil Irħieb Ġeżwiti u beda n-Novizzjât. Fis-sena 1848 qaddes l-ewwel quddiesa. Imma erba' snin wara ħass ruħu miġbud lejn ix-Xirka ta' Qassisîn li kien waqqaf huh, li kien sar Nisrâni u qassîs, qablu; għalhekk bil-ħalla tal-Papa telaq minn mal-Ġeżwiti u rħielha lejn il-Palestîna.

Hemmhekk, wara xogħlijiet u

tbatijiet kbâr, seħħlu jieħu taħt idejh biċċa art minn fejn fi żmien Ġesù, kienet il-Fortizza "Antonia", sewwa sew fuq il-*Lithostrotos*, jew ċangâr, fejn Pilâtu qata' l-qada tal-mewt ta' Ġesù; u bena fiha Bażilka u Dejr għar-Raħbiet li semmiehom *Dâmi tal-Madonna ta' Sijon*. F'dik il-Bażilka, ir-Raħbiet jitolbu lejl u nhâr il-ħniena u l-maħfra għal-Lhûd li jinsâbu fil-Palestina u mxxerrdin mad-dinja kollha. L-artal tal-Bażilka jinsab taħt ark Rumân, u fuqu hemm sûra ta' Ġesù bil-klîl tax-xewk f'rasu. U taħtu jidhru miktuba b'ittri kbâr il-kelmiet: *Pater, ignosce illis. Non enim sciunt quid faciunt.* Li tfisser: "Missier aħfrilhom. Għax ma jafux x'inhuma jagħmlu".

Fil-Palestina, barra mid-Dejr tar-Raħbiet tal-Lithostrotos, li bosta minnhom kienu Lhûd qabel, u qalbu Nsara, waqqaf ukoll Dejr ieħor għar-Rħieb, jew Patrijiet, li qabel kienu Lhûd u qalbu Nsara. F'dad-Dejr għandu wkoll skôla u Miltem, jew Orfanatrofju, għas-subjien. U f'raħal żgħîr u sabiħ jismu Għajn Karem (li f'dal Qari semmejnieħ kemm il-darba) bena wkoll skôla u Miltem għall-bniet, li jieħdu ħsiebhom ir-Raħbiet tal-Madonna ta' Sijon, tad-Dejr tal-Lithostrotos, li semmejna moqbejl.

Erbgħin sena dam Père Alphonse Marie Ratisbonne, f'din il-ħajja. Erbgħin sena ta' xogħol bla waqqaf u ġiri min-naħa għall-oħra tad-dinja, li ħendmulu ġismu u sajjrulu saħħtu, bħal ma darba kiteb lil wieħed mill-qassisîn sħâbu ta' Pariġi: "Il-ġiri tiegħi aktar għajjieni mill-ġiri ta' missierijieti, qabel ma daħlu fl-Art Imwegħda!" U hekk, mikdud bix-xogħol u bil-ħsebijiet u bix-xjuħija, Père Alphonse Ratisbonne miet f'naqra ta' kamra fqîra, fid-Dejr li waqqaf għar-Raħbiet u l-bniet iltiema f'Għajn Karem. Miet ħieni għax is-sejħa tiegħu ma kenitx battala, u dak li sata' jagħmel għal ġîħ t'Alla għamlu bil-qalb, bħal ma kienu jix-ħdulu l-bniet u r-Raħbiet imdawwrin miegħu jibku telftu, waqt mewtu. Qabel ma miet kien jistama' jgħid wisq drabi: "Mill-Kalvarju għal Ġenna ma hemmx ħlief pass; pass qasîr wieħed!" Għalhekk il-mewt tiegħu ma kenitx mewt, imma kienet *il-pass il-qasir*, mill-Kalvarju tat-tbatija tiegħu f'din l-art, għall-Ġenna!

Fra BENJAMIN XALTUF O.F.M.

# QWIEL TAL-PALESTINA

*Min segħdek b'id waħda, segħdu b'it-tnejn.* "Segħdek" jiġifieri *għenek*; il-bqija tal-kliem kollu bħal Malti. Jiġifieri, min jgħamillek il-ġid ħallsu tiegħu għal darbtejn, ħalli hekk jibqa jagħmel il-ġid lill-għajru, billi jagħraf il-ġid kemm ikun milqugħ tajjeb.

*Aħad it-târ, ma hu għâr.* Il-vendetta ma hi għajb. Dan qawl tal-Misilmîn m'hux tal-Insâra. Il-Misilmîn jaħsbu li meta jiġi taħt idejk xi ħadd li jkun għamillek id-deni, dak ikun bagħtulek Alla biex titħallas minnu.

*Aħadt il-qird għal mâlu; râh il-mâl, u dall il-qird la ħalu.* Ħadt xadin għal ġid li kellu; mar il-ġid, u baqa' x-xadin biss! Jekk tiżżewweġ għal ġid, bla mħabba, tidħol fit-tiġrib li jmurlek il-ħelu u jibqagħlek il-morr biss.